MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Avviz Numru. 305/2012

**Marzia Bruno**

**Vs**

**Maxxcom (Malta Ltd)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas lill-attrici l-ammont ta' tmint elef, mija u għoxrin Euro u sitt ċentezmi (€8,120.06). Hija spjegat illi s-soċjetà intimata ilha tħaddem lir-rikorrenti għal dawn l-aħħar erba' snin. Ir-rikorrenti kienet tqila u fil-fatt kienet intitolata għall-*maternity leave* li beda jiddekorri mill-20 ta' Settembru 2012. Is-soċjetà intimata għadha ma ħallsitx lir-rikorrenti l-paga tax-xahar ta' Awwissu u fil-fatt infurmat lir-rikorrenti li mhux se

tħaddimha iktar u li se tibqa' tħaddimha sal-aħħar ta' Settembru biss – proprju propju ezatt kif l-attrici tibda bil-maternity leave. L-attrici tghid li din tmur kontra l-liġi peress li ħaddiem ma jistax ikeċċi mix-xogħol persuna li tkun tqila jew se twelled u għalhekk ir-rikorrenti intitolata li tikkawtela d-drittijiet tagħha. Hemm biza' li s-soċjetà intimata mhux se tħallas dak li kien dovut lir-rikorrenti u ċioè l-paga ta' Awwissu 2012, ta' Settembru 2012 u l-paga ta' 14-il ġimgħa f'*maternity leave* li beda mill-20 ta' Settembru 2012 u spiċċa fis-27 ta' Diċembru 2012 li ammonta għal tmint elef, mija u għoxrin Euro u sitt ċentezmi (€8,120.06). Is-soċjetà intimata hija minn issa inġunta in subizzjoni. Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet legali.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta, li eċċepiet illi:

1. In linea preliminari, l-esponenti teċċepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti illi tisma u tiddeċiedi dwar il-vertenza odjerna illi ai termini tal-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta taqa' *esklussivament* fil-ġurizdizzjoni tat-Tribunal Industrijali;

In linea sussidjarja, u assolutament mingħajr preġudizzju għal fuq premess, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi:-

2. Illi kuntrarjament għal dak allegat fir-rikors promotur, ir-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attiriċi ma kienet bl-ebda mod relatata mal-gravidanza tagħha, izda dovuta unikament għal nuqqas ta' xogħol (*redundancy*) – effettivament, ai termini tar-Regolament 12(2) tal-Avviz Legali 439 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 3 tal-2004, 427 u 431 tal-2007, 130 u 503 tal-2011 u 258 tal-2012, l-esponenti kellha kull dritt illi tittermina l-impjieg tal-attriċi f'ċirkostanzi ta' *redundancy* anke jekk tali terminazzjoni saret fi zmien meta l-attriċi kienet tqila;
3. Illi effettivament l-impjieg tal-attrici ġie terminat minħabba raġunijiet ta' *redundancy* kif ġà nagħad, b'effett mit-2 ta' Settembru 2012, ċioè qabel mal-attriċi ħarġet bil-maternity leave tagħha, u kwindi t-talba attriċi għall-ħlas ta' *maternity leave* illi jiddekorri mill-20 ta' Settembru 2012 sas-27 ta' Diċembru 2012 hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Fi kwalunkwe kaz, ai termini tal-Artikolu 36(20) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta'

> Malta, il-ħlas tal-*maternity leave* huwa dovut biss jekk l-impjegata terġa' tidħol għax-xogħol wara l-istess – fatt illi ċertament illi ma avverax ruħu f'dan il-kaz u kwindi, anke għal din ir-raġuni, l-ebda pagament m'huwa dovut f'dan ir-rigward.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta illi din il-Qorti mhix kompetenti tisma' l-kawza *ratione materiae.*

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, kif jirrizultaw mir-rikors promotur u mir-risposta, huma s-segwenti:

1. L-attrici kienet ilha tahdem mas-socjeta konvenuta ghal erba' snin.
2. L-attrici harget tqila u kienet intitolata ghal maternity leave mill-20 ta' Settembru 2012.
3. Qabel l-attrici harget bil-*maternity leave*, is-socjeta konvenuta informata li l-impjieg taghha kien ser jigi terminat – skond l-attrici fl-ahhar ta' Settembru 2012, u skond is-socjeta konvenuta b'effett mit-2 ta' Settembru 2012.
4. L-attrici qed tissottometti li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet illegali ghaliex principal ma setghax ikecci impjegata li kienet tqila, fil-waqt li s-socjeta konvenuta qed tissottometti li l-impieg gie terminat minhabba nuqqas ta' xoghol (*redundancy)*, u m'ghandu x'jaqsam xejn mal-gravidanza tal-attrici.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-attrici qieghda titlob li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha il-paga tax-xahar ta' Awwissu 2012, ta' Settembru 2012 u l-paga ta' erbatax (14)-il gimgha *maternity leave* li jibda fl-20 ta' Settembru 2012 u jispicca fis-27 ta' Dicembru 2012.

Is-socjeta konvenuta eccepiet preliminarjament illi din il-Qorti mhix kompetenti illi tisma u tiddeċiedi dwar il-vertenza odjerna stante illi ai termini tal-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta din il-materja taqa' esklussivament fil-ġurizdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Fin-nota ipprezentata minnha fid-19 ta' Mejju 2014,[1] is-socjeta konvenuta iddikjarat illi hija qieghda tibbaza l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materae* ta' din l-Qorti *"fuq is-subinciz (1)(a) tal-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, … … stante illi dan huwa proprju l-mertu tal-proceduri odjerni."*

Dan is-subinciz jippreskrivi hekk: *"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi:*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat illi saret tkeccija ngusta; … …*

*għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi … … ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:"*

Fis-sentenza **Mary Doris *sive* Doris Camilleri vs St. Paul's Court Limited et**, deciza fil-25 ta' Settembru 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk fuq dan l-Artikolu:

*"Illi ta' min iqis ukoll li l-gurisdizzjoni esklussiva moghtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeccija minn impieg meqjusa bhala ingusta hija, fil-kliem tal-ligi, "ghal kull ghan". Din il-*

[1] Ara fol. 114 tal-process.

*Qorti tifhem li dan ifisser li l-indagni dwar jekk it-tkeccija kinitx misthoqqa jew le jmur lil hinn minn konsiderazzjoni ta' raguni gusta u sufficjenti fil-mertu;*

*Illi, f'dan ir-rigward, gie stabbilit kemm mill-kitbiet tal-awturi u kif ukoll minn decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali nnifsu li huwa ghandu s-setgha, taht l-artikolu 75 (l-artikolu 28 tal-Kap 266), li jifli tkeccija minn impieg ukoll jekk, minkejja li kien hemm ragunijiet li jiggustifikawha, din tkun saret b'mod mhux misthoqq jew ingust. Fi kliem iehor, din il-gurisdizzjoni tat-Tribunal testendi ghal dak li huwa maghruf bhala technically unfair dismissal. Tali bixra ta' fehmiet baqghet titqies ukoll matul iz-zminijiet. B'dan ghalhekk li, ladarba jigi stabilit li l-kwestjoni taqa' fil-limiti ta' dik il-gurisdizzjoni esklussiva, l-Qrati ma jkollhomx izjed setgha jidhlu fil-kwestjoni, u jibqa' biss setgha ta' revizjoni dwar l-operat tat-Tribunal, fit-termini u l-limiti imfissrin izjed 'il fuq;"*

L-attrici qed tibbaza t-talba taghha ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-salarji u l-maternity leave, fuq il-premessi li l-impjieg taghha gie terminat illegalment. Din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-allegazzjoni tal-attrici dwar il-mod ta' kif l-impjieg taghha gie terminat taqa', jekk tigi ippruvata, taqa' fid-definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" ai termini tal-Artikolu 75(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, huwa t-Tribunal Industrijali li ghandu kompetenza esklussiva fuq il-lanjanza tal-attrici, u din il-Qorti mhix kompetenti biex tisma' u tiddeciedi din l-allegazzjoni tal-attrici.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tal-attrici ma nnegatx li l-allegazzjoni tat-terminazzjoni illegali tal-impieg tal-attrici taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, tant li l-attrici intavolat ukoll proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fuq din il-kwistjoni. Pero hija ghamlet is-segwenti sottomissjoni: *"Illi bhalissa ghaddejjin proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fuq il-kuncett ta' "unfair dismissal" li l-attrici qed tallega li hi giet imkeccija ingustament minn fuq il-post tax-xoghol ghax fil-verita kienet tqila. Imma l-proceduri odjerni m'humiex dwar jekk it-tkeccija hijiex ingusta jew le, ghax dik naqbel mall-kollega li kieku dawn kif qedghin huma bhalissa quddiem it-Tribunal Industrijali. Dan huwa mandat kawtelatorju, ghaliex? Ghax is-socjeta intimata ma hallsitx lill-attrici ghall-salarji … … Din hija kawza ta' mandat kawtelatorju mhux kawza ta' "unfair dismissal".*[2]

[2] Ara trattazzjoni a fol. 17-18 tal-process.

Din il-Qorti ma tistax tifhem kif legalment jista' jinghad li din hija kawza ta' mandat kawtelatorju. Fl-ewwel lok, mill-atti processwali ma jirrizultax li l-attrici intavolat xi mandat kawtelatorju, li jrid ikun wiehed mill-mandati kawtelatorji elenkati fil-Kodici ta' Procedura Civili. Fit-tieni lok, dawn il-proceduri inbdew b'avviz li jaghti lok ghal bidu tal-procedura kontenzjuza quddiem din il-Qorti. Kieku – ghall-grazzja tal-argument biss - din il-Qorti kellha tati sentenza fir-rigward tat-talba attrici, din is-sentenza tkun sentenza definittiva u tifforma *res judicata* bejn il-partijiet, salv dejjem id-dritt ta' appell ta' kull wahda mill-partijiet lill-Qorti tal-Appell. Tali sentenza, jekk – ghall-grazzja tal-argument biss - tkun favorevoli ghat-tezi attrici, tista' tigi inforzata kontra s-socjeta konvenuta permezz ta' mandati ezekuttivi, anki jekk t-Tribunal Industrijali jiddeciedi kontra t-tezi attrici. M'hemmx dubbju li din is-sottomissjoni tal-attrici li din hija kawza ta' mandat kawtelatorju hija wahda irritwali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u tiddikjara li hija inkompetenti illi tisma' u tiddeciedi din il-vertenza, stante li ai termini tal-Artikolu 75(1)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta din il-vertenza taqa' esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------